MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2013

Numru. 137/2012

**SPETTUR ROBERT SAID SARREO**
**VS**
**VINCENT CASSAR**

**Il-Qorti;**
Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Vincent Cassar ta’ 61 sena, bin Lawrence u Carmen nee’ Darmanin, mwieled Zabbar nhar it- 2 ta’ April 1952, residenti 178, Triq il- Kbira, Zabbar u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 332552M;

Talli;

1) f’ Haz- Zabbar nhar il- 5 ta’ Frar 2012, f’ xi hin bejn is- 6pm u s- 6.30pm, bil- hsieb li jikkommetti reat u cioe’ li volontarjament jaghti n- nar lil dar, mahzen, hanut, dar ta’ abitazzjoni, bastiment, bacil jew bini iehor, gharix jew xi lok iehor, meta hemm gew kien ikun hemm diversi persuni filwaqt tal- hruq, ta bidu ghall- esekuzzjoni ta’ dan

id- delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill- volonta tieghu;

2) aktar talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi, bil- hsieb li jikkommetti reat u cioe' li volontarjament jaghti n- nar lil bini, gharix, mahzen, dar ta' abitazzjoni, bastiment, hanut, bacil jew bini iehor jew xi lok iehor, meta gewwa kien ikun hemm diversi persuni filwaqt tal- hruq, jew volontarjament jaghti n- nar lill- materjal li jaqbad u dan il- bini, gharix, jew lok iehor, jew dan il- materjal, kien qieghed b' mod li jista' jqabbad il- hruq lil bini iehor, gharix, jew lok iehor, fejn f' dak il-waqt kien ikun hemm gewwa xi persuna, ta bidu ghall- esekuzzjoni ta' delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill- volonta tieghu;

3) aktar talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi bil- hsieb li jikkommetti reat u cioe li volontarjament ihassar, jaghmel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara kienet tkun izjed minn €1,164.69 ghad- dannu tal- familja Consiglio u/jew persuni ohra, ta bidu ghall- esekuzzjoni ta' delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill- volonta tieghu;

4) aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi gab ruhu b' tali mod li kkaguna biza lil Maria u Redent Thorton minn Haz- Zabbar li ser tintuza vjolenza, meta hu kien jaf jew missu kien jaf li, b' tali mgieba tieghu, ser tikkaguna lil haddiehor biza;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

**Ikkunsidrat;**

Illi mill-provi prodotti, l-imputat ma jistax jinstab hati ta' dawn l-akkuzi hekk kif dedotti kontra tieghu. Hu gie akkuzat b'tentattiv ta' hsara volontarja permezz ta' hruq fil-proprjeta' tieghu stess. Irrisulta li fid-data in kwistjoni l-imputat kien qabad lit-tifel tas-sehba tieghu qed jabbuza mid-droga fid-dar, u tant irrabja mieghu u hadha bi kbira, wara li kien ipprova jghinu ghal diversi drabi, li qabad kontenitur mimli pirolju u beda jifirxu fuq il-bejt. Fis-sahna tal-mument, ordnalu lil dan it-tifel biex jitlaq mid-dar, ghax inkella kien ser iqabbad kull m'hemm. Ta' min jinnota li ma nstabu ebda sulfarini jew oggett iehor li seta' jqabbad il-pirolju in kwistjoni.

Minn dan kollu l-Qorti hi tal-fehma li l-imputat qatt ma kellu hsieb iqabbad in-nar, izda ried biss ibezza' lit-tifel tas-siehba tieghu. Din kienet reazzjoni ta' esasperazzjoni tal-imputat, u xejn aktar. Ma kien hemm ebda bidu jew entattiv ta' hruq, li minghajr dan l-att ma seta' jwassal ghal ebda hruq effettiv. Ghalhekk il-Qorti sejra tillibera lill-imputat minn kull htija u piena.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 17, 31, 41(1)(a), 316(a), 317, 325, 251B, 383, 384, 385 u 533 tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Din il- Qorti ma ssibx lill- imputat hati u ghaldaqstant tilliberah.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------